MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 430/2007

Kawza fil-lista: 38

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fil-hmistax (15) ta’ Ottubru 2003, kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A u mil-liema zwieg ma twieldux ulied;

2. Illi l-konvenut dak iz-zmien kien diga legittimament mizzewweg lil E F, Sirjana u ghandha passaport Sirjan

numru 007-04-0006651 u prezenzjalment l-konvenut ghandu zewgt itfal mill-mara tieghu Sirjana;

3. Illi dan kollu sehh ad insaputa totali tar-rikorrenti li saret taf b’ din is-sitwazzjoni ta’ zewgha ftit granet ilu, u cioe’ fil-hamsa (5) ta’ Ottubru 2007, meta huwa gie mressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fejn gie akkuzat talli fil-15 ta’ Ottubru 2003, bhala ragel mizzewweg lil E F u filwaqt li kien isehh dan iz-zwieg legittimu, ghamel zwieg iehor mar-rikorrenti;

4. Illi fl-isfond tas-suespost, l-kunsens tar-rikorrenti ghal dan iz-zwieg inkiseb b’ qerq dwar il-kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghhom tfixkel serjament il-hajja mizzewga u dan ai termini tal-artikolu 19(1)(c) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat minhabba l-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19(1)(f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19(1)(c) u/jew 19(1)(f);

7. Illi minhabba r-ragunijiet premessi u minhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-Att XXXVII tal-1975 li jirregola z-zwigijiet, iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effett fil-ligi;

8. Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza tar-rikorrenti;

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn ir-rikorrenti u l-konvenut huwa null u bla effett.

2. Tordna illi din in-nullita' taz-zwieg fuq imsemmi tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' ngunt minn issa in subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut huwa null peress li l-kunsens matrimonjali taghha kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255, kif ukoll stante li fil-mument tal-kontrattazzjoni taz-zwieg, il-konvenut kien diga' marbut bi zwieg validu ma' mara ohra.

**Kwadru tal-fatti**
Illi l-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi.

Mill-provi jirrizulta li l-attrici, cittadina maltija, izzewwget lill-konvenut, cittadin sirjan, fil-15 ta' Ottubru 2003, meta dana kien ghadu fi zwieg validu ma' mara sirjana bl-isem E Tlass li minnha kellu zewgt-it tfal, liema fatt il-konvenut kien zamm mohbi mill-attrici.

Sussegwentement il-konvenut kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati [Malta] bl-akkuza ta' bigamija, u fuq ammissjoni tieghu, kien gie misjub hati li kien ikkuntratta zwieg civili f' Malta meta huwa kien diga' marbut bi zwieg validu kuntrattat fis-Sirja.

Illi fl-affidavit tieghu l-konvenut jispjega li huwa kien gie Malta biex ifittex ix-xoghol, izda sussegwentement "il-visa kienet ser tiskadili u kelli genn biex insolvi din il-problema

ghax kont naf li jekk ma kontx ser naghmel xi haga kont ser nitkecca", u ghalhekk kien iddecieda li jizzewweg mara maltija biex isolvi din il-problema. Sussegwentement l-mara sirjana tieghu giet tghix mieghu Malta flimkien mat-tfal taghhom. Dan gie kkonfermat mill-istess mara E F fl-affidavit taghha, li kkonfermat ukoll li hija kienet izzewwget lill-konvenut fil-15 ta' Marzu 2002.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi jrrizulta sodisfacentement li meta l-konvenut izzewweg lill-attrici fil-15 ta' Ottubru 2003 huwa kien diga' marbut bi zwieg validu kuntrattat fis-Sirja fil-15 ta' Marzu 2002.

Illi l-artikolu 6 tal-Kap.255 jiddisponi testwalment li: "Zwieg li jsir bejn persuni li wahda minnhom tkun marbuta bi zwieg li sar qabel ikun null."

Ghaldaqstant iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null fit-termini ta' l-artikolu precitat.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici; u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-15 ta' Ottubru 2003.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------